MALTA

# BORD TA' ARBITRAGG DWAR ARTIJIET

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH CASSAR**

Seduta tal-11 ta' Jannar, 2007

Rikors Numru. 2/1997/1

Rikors Nru: 2/1997

Kummissarju ta’ l-Artijiet

vs

Tereza Busuttil u b’digriet tas-17 ta’ Gunju 1999 l-atti ghaddew fuq il-persuni ta’ Alfred armel ta’ Tereza Busuttil, Fr Carmel, George, Joseph u Pauline mart Joseph Borg, bhala ahwa Busuttil kollettivament stante il-mewt ta’ Teresa Busuttil

Il-Bord,

Ra r-rikors tar-rikorrenti Kummissarju ta’ l-Artipprezentat fis-7 ta’ Dicembru 1999 fejn espona:

Illi b’ittra ufficjali tal-11 ta’ Novembru, 1994 l-intimata giet notifikata b’Avviz ghal Ftehim fejn giet infurmata li l-kumpens li l-awtorita’ kompetenti hija lesta biex thallas

ghax-xiri assolut bhala franki u liberi ta’ bictejn art f’Birkirkara u cioe’ (a) bicca art tal-kejl ta’ 14 metri kwadri, li tmiss min nofsinhar ma’ proprjeta’ ta’ Tereza Busuttil, mill-Punent ma’ proprjeta’ ta’ Dolores Camilleri, u mill-Grigal ma’ proprjeta’ ta’ Michael Zammit Gauci u ohrajn u (b) bicca art tal-kejl ta’ 1177 metri kwadri li – tinkludi kamra – tmiss mit-Tramuntana u mil-Lbic ma’ proprjeta’ ta’ Tereza Busuttil u mix-Xlokk ma’ proprjeta’ tal-Kurja tal-Arcisqof (indikata bhala items 1S u 2C fir-rapport tal-Perit O Caruana Montaldo A&CE tal-24 ta’ Jannar 1994 u fil-pjanta LD 193/90/1 li estratt u kopja taghhom rispettivament huma annessi mal-Avviz ghall-Ftehim) huwa ta’ Lm5 ghall-art indikata taht (a) u ta’ Lm547 ghall-art indikata taht (b).

Illi b’ittra ufficjali tal-1 ta’ Dicembru 1994, l-intimata fost affarijiet ohra tiddikjara li ma taccettax il-kumpens offert.

Illi b’Cedola ta’ Depozitu pprezentata fis-16 ta’ Frar 1995 gie depozitat il-kumpens offert ta’ hames mija u tnejn u hamsin Lira Maltin (Lm552) ghall-bicctejn art fuq deskritti u dan a terminu ta’ l-artikolu 22(4) tal-Kap 88.

Illi skond l-istess artikolu 22 tal-Kap 88 dan id-depozitu ma jimpedix lill-intimata milli tkompli tikkontesta quddiem il-Bord l-ammont offert lilha, liema ammont pero’ r-rikorrenti jikkonferma li ghandu jqisu gust u skond il-ligi.

Ghaldaqstant, ir-rikorrent jitlob bir-rispett li dan il-Bord joghgbu jiffissa l-kumpens relattiv ghall-art imsemmija skond id-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar l-Akkwist ta’ Artijiet ghall-Skopijiet Pubblici (Kap 88).

Ra r-risposta pprezentata mill-intimata fis-6 ta’ Marzu, 1997 fejn esponiet:

Illi l-kumpens offert mill-esponent qieghed in kontestazzjoni stante illi l-intimat ma tqieshux bhala adegwat;

Ghaldaqstant, l-intimata titlob bir-rispett illi dan il-Bord jiffissa l-kumpens xieraq ghall-artijiet in kwistjoni skond id-

disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar l-Akkwist ta’ Artijiet ghall-Skopijiet Pubblici (Kap 88).

Semgha x-xhieda bil-gurament.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha.

Ra li l-partijiet gew notifikati bl-atti kollha.

Ikkkunsidra:

1. Il-perit Oscar Attard Montalto xehed bil-gurament u kkonferma l-istima tieghu fis-seduta tal-11 ta’ Mejju 2002 quddiem l-assistent gudizzjarju Dottor Anthony Ellul u kkwalifika l-art bhala agrikola. Ta stima ta’ Lm5 ghall-ewwel bicca art u Lm547 ghat-tieni.

2. Il-perit Emanuel sive Mannie Galea ghamel affidavit li gie prezentat fit-30 ta’ Mejju 2005. L-ewwel bicca art giet minnu stmata fl-ammont ta’ Lm770 u t-tieni fl-ammont ta’ Lm94,160.

3. Bhala periti teknici l-Bord hatar lill-AIC Godfrey Vella u l-AIC Michael Refalo li kkwalifikaw l-art bhala agrikola u ffissaw il-kumpens fl-ammont ta’ Lm840 ghall-ewwel u Lm35,310 ghat-tieni b’tant kull metru kwadru. Din ir-relazzjoni ghandha taghmel parti shiha minn din is-sentenza.

4. Ghalhekk il-Bord qed jilqa’ t-talbiet tar-rikorrenti u jordna lill-intimati li jittrasferulu b’titolu ta’ xiri assolut bhala franki u liberi bicctejn art f’Birkirkara u cioe’ (a)bicca art tal-kejl ta’ 14-il metru kwadru, li tmiss min nofsinhar ma’ proprjeta’ ta’ Tereza Busuttil, mill-Punent ma’ proprjeta’ ta’ Dolores Camilleri, u mill-Grigal ma’ proprjeta’ ta’ Michael Zammit Gauci u ohrajn bil-kumpens ta’ Lm770 u bicca art tal-kejl ta’ 1177 metri kwadri li tinkludi kamra – tmiss mit-Tramuntana u mil-Lbic ma’ proprjeta’ ta’ Tereza Busuttil u mix-Xlokk ma’ proprjeta’ tal-Kurja tal-Arcisqof bil-kumpens ta’ Lm35,310 skond il-pjanta esebita.

Jahtar lin-Nutar Vincent Miceli jew lin-nutar li jkun qed jaghmilha floku biex jippubblika l-att nhar l-Erbgha 7 ta' Marzu, 2007 fil-10:30a.m. fl-ufficju tar-rikorrent; jahtar lil-Avukat Dottor Guido Pace Spadaro biex jidher fuq l-att ghall-kontumaci.

L-ispejjez ghandhom jigu sofferti mill-partijiet fi proporzjon li d-differenza fl-ammont offrut mill-awtorita' kompetenti u dak hekk stabbilit mill-Bord ikollhom ghad-differenza fl-ammont mitlub mis-sid u l-ammont stabbilit mill-Bord. Billi l-ammont ta' Lm552 gie depozitat taht l-awtorita' tal-Qorti l-Bord jordna li dan jigi zbankat skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------